MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 934/2008

**BANK OF VALLETTA** p.l.c (C – 2833)

**vs**

**FEN BREEDERS LIMITED** (C-11696)
u Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf imressaq fis-17 ta' Settembru, 2008, li bih is-socjeta' rikorreti talbet li l-Qorti ssib li:
1. Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati hemm imsemmija u partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Fen Breeders Limited u Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech (a) naqsu milli jhallsu il-

pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Fen Breeders Limited u Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Fen Breeders Limited u Emanuel u Mary Carmela mizzewgin Fenech jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u erbghin elf, tliet mija u disghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€142,390.82) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Account" tas-socjeta' Fen Breeders Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D4" u "E1 sa E117") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-13 ta' Mejju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datati fl-1 ta' Gunju 2007 u tal-Mandati ta' Sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jipprezentaw Risposta fiz-zmien moghti lilhom mil-ligi;

Semghet id-dikjarazzjoni maghmula waqt is-smigh tal-lum mill-avukat Angelo Farrugia, f'isem l-imharrkin kollha u fil-prezenza tal-imharrek Emanuel Fenech li biha stqarrew it-talbiet attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-ammissjoni maghmula mill-imharrkin, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. **<u>tilqa' l-ewwel talba attrici</u>** u tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet mahsuba fil-kuntratti tat-30 ta' Awissu, 1996, 12 ta' Marzu, 1998 u 12 ta' Novembru, 1998 u fil-kitbiet privati tal-20 ta' Novembru, 1998, 27 ta' Gunju, 1996, u 20 ta' Frar, 1998, li permezz taghhom il-Bank attur ghandu l-jedd li jitlob il-hlas minnufih minghand l-imharrkin;

**2.** **<u>tikkundanna lill-imharrkin,</u>** flimkien u solidalment bejniethom, biex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' mija u tnejn u erbghin elf tliet mija u disghin euro u tnejn u tmenin centezmi (€142,390.82) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u l-Overdraft Accounts*" tas-socjeta' mharrka Fen Breeders Limited, flimkien mal-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'sehh mit-13 ta' Mejju, 2008, sal-jum tal-hlas effettiv;

**3.** **<u>tikkundanna</u>** lill-imharrkin ukoll biex ihallsu **l-ispejjez tal-kawza.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------